MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 1113/2002/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Graziel Barbara u Charles Dimech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' April 2002 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-Korporazzjoni attrici s-smma ta' hames mija u wiehed u sittin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm561.45) rapprezentanti danni kagunati mill-konvenuti fil-propjeta' tas-socjeta' attrici konsistenti f'High Tension Cable bejn Bingemma S/S u Skorba S/S, Mgarr fit-2 ta' Jannar 2000.
Bl-ispejjesu bl-imghaxijiet sal-jum tal-hlas effettiv kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut Graziel Barbara fejn huwa eccepixxa li l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici m’huwiex dovut stante illi t-talba attrci hija nfondata fil-fatt u fid-dritt hekk kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ra li l-konvenut l-iehor Chharles Dimech ghalkemm debitament notifikat, baqa’ ma deherx u ma prezentax Risposta.

Sema’ x-xhieda ta’ Silvio Decelis, Charles Fenech, PS 667 Edgar Borg., tal-konvenut Graziel Barbara u ta’ Emanuel Bugeja. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukat difensuri tas-socjeta’ attrici u tal-konvenut Graziel Barbara.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza tirrigwarda danni kawzati fit-12 ta’ Jannar 2001, f’High Tension Cable f’Bingemma, liema High Tension Cable huwa propjeta’ tas-socjeta’ attrici. Din il-hsara giet kawzata waqt li kien qed isir xoghol ta’ thaffir mill-konvenut Graziel Barbara li kien impjegat mal-konvenut l-iehor Charles Dimech. Il-makkinarju li kien qed jintuza kien popjeta’ tal-kuntrattur Charles Dimech u kien dan Dimech li kien gie nkarigat jaghmel ix-xoghol ta’ thaffir. Mill-prov rrizulta li l-hsarat kawzati fil-propjeta’ tas-socjeta’ attrici saru minhabba nuqqas ta’ diligenza ta’ xi wiehed mill-konvenuti. Il-konvenut Graziel Barbara jsostni li huwa kien gie mqabbad jaghmel ix-xoghlijiet mill-kuntrattur li kien jimpjegah, u cioe’ l-konvneut Charles Dimech u li ghalhekk kien dan tal-ahhar li ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mis-socjeta’ attrici. Huwa jaghmel refernza ghall-Artikolu 1037 tla-Kap. 16 liema Artikolu jistabbilixxi li “kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta’ hila, jew li ma jkollux ragun jahseb li hija ta’ hila, hu obbligat ghall-hsarat illi dik il-persuna, minhabba n-nuqqas ta’ hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-ezekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi”. It-Tribunal izda jahgmel referenza ghall-Artikolu 1038 li jipprovvdi li “kull min minghjar ma jjkollu l-

hila mehtiega jindahal ghal xoghol jew servizz, hu obbligat ghall-hsara li minhabban-nuqqas ta' hila tieghu, jikkaguna lil haddiehor."

Mill-provi rrizlutlta li l-kuntrattur ma kienx applika ghall-permessi relattivi sabiex isir ix-xogol ta' thaffir u li ma kienux gew infurmati ir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici sabiex jimmarkaw il-post fejn kien hemm il-cables taghhom. Il-konvenut Graziel Barbara fir-rigward issotni li ma kienx il-kompitu teghu li jiehu hsieb dawn l-affarijiet u kien min jimpjegah li kien responsabbli. Huwa qal ukoll li kienu gew jaghmlu l-marki xi tlieta jew erba' darbiet izda qatt ma indika min kienu dawn il-persuni. Emanuel Bugeja li huwa l-propjetarju tal-garaxx fejn kien qed isir ix-xoghol ta' thaffir jghid li jista' jkun li kien hemm xi marki fit-trq. Fil-fehma tat-Tribunal una volta li l-konvenut Graziel Barbara qed jallega li kienu gew in-nies jaghmlu l-marki fit-triq kien jispetta lilu li jressaq provi fir-rigward, haga li huwa naqas milli jaghmel. It-Tribunal ghalhekk jikkonkludi li z-zewg konvenuti ghandhom jitqiesu unikament responsabbli ghall-akkadut, il-konvenut Charles Dimech ghaliex ma segwiex il-proceduri rikjesti mill-ligi sabiex issir x-xoghol ta' thaffir fi triq pubblika u L-konvneut Graziel Barbara ghaliex huwa kien il-persuna li kien qed jaghmel ix-xoghol tat-thaffir meta gew kaawzati d-danni u kien hu li ma hax il-prekawzjonijiet necessarji sabiex ma tigix kawzata hsara lil terzi kif filf-fatt gara. Kien jispetta lill-konvenut Graziel Barbara li jressaq il-prova li huwa agixxa strettament fuq struzzjonijiet tal-konvenut l-iehor Charles Dimech dwar fejn kellu jhaffer u dan seta' jaghmlu billi jressaq li dan tal-ahhar bhala xhud, izda huwa naqas milli jahgmel dan u kull ma ghamel kien li ddikjara li huwa kien impjegat ta' Dimech u li kien qed jutilizza ingenji porpjeta' tal-istess Dimech. It-Tribunal jirritjeni li dan m'huwiex sufficjenti sabiex il-konvenut Barbara jigi ezentat minn kwalsiasi responsabilita' ghall-akkadut.

Il-quantum tad-danni reklamati mis-socjeta' attrici bl-ebda mod ma gie kontestat mill-konvenuti u fi kalunkwe kaz is-socjeta' attrici esebiet l-ircevuti in sostenn tat-talba taghha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici solidalment bejniethom is-somma ta' hames mija u wiehed u sittin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm561.45), bl-imghax pagabbli mill-llum.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------